MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2020

Rikors Maħluf Numru 960/16LM

**John Azzopardi (K.I. numru 407374M)**

***vs*.**

**Nicodemu Frendo (K.I. numru 269656M)**
**u Toom Malta Limited (C 70041)**
**u b'digriet tat-30 ta' Novembru, 2016, intervjeniet fil-kawża *in statu et terminis* is-soċjetà Bonnici Insurance Agency Limited (C 8-614) għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà tal-assigurazzjoni Mapfre Middlesea p.l.c.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors maħluf ippreżentat fis-26 ta' Ottubru, 2016, mill-attur **John Azzopardi (K.I. numru 407374M)** [minn issa 'l quddiem "l-attur"] kontra l-konvenut **Nicodemu Frendo (K.I. numru 269656M)** [minn issa 'l quddiem "il-

konvenut"] u kontra s-soċjetà konvenuta **Toom Malta Limited (C70041)** [minn issa 'l quddiem "is-soċjetà konvenuta"] li jgħid kif ġej:

*"1. Illi nhar it-28 t'Awwissu, 2015 seħħ inċident f'Manoel Island, Gżira illi fih indarab u b'konsegwenza tiegħu ġarrab debilità permanenti r-rikorrenti.*

*2. Illi dakinhar tal-inċident l-intimat Nicodemu Frando, kien qiegħed jeżegwixxi xi xogħlijiet evidentement fuq inkarigu tas-soċjetà intimata Toom Malta Limited.*

*3. Illi l-imsemmi intimat Nicodemu Farrugia kien qiegħed isuq* forklifter *bin-numru ta' reġistrazzjoni IQZ-054 [liema* forklifter *huwa assigurat mas-soċjetà Mapre Middleasea P.L.C taħt polza t'assigurazzjoni numru P34002903-15] filwaqt li r-rikorrent, kien qiegħed iħott xi pjanċi tal-ħadid minn fuq l-istess* forklifter.

*4. Illi l-imsemmi inċident seħħ meta l-intimat, bi traskuraġni, imperizja, imprudenza u nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, l-intimat Nicodemu Frendo qaleb il-frieket tal-istess* forklifter *b'mod li dawn ġew angulati lejn l-art bil-konsegwenza li l-pjanċi li kienu marbutin fuq il-*forklifter, *iżżerżqu u waqgħu fuq ir-rikorrent u għaffġuh mal-art.*

*5. Illi b'riżultat ta' dan l-inċident ir-rikorrent sofra ġrieħi gravi inkluż ksur fl-ispina ta' dahru u jirriżulta li huwa sofra diżabilità permanenti ta' ħmistax fil-mija (15%) hekk kif ġie ċċertifikat minn Dr. Thomas Azzopardi MD FRCS (Tr & Orth) Consultant Orthopaedic Surgeon, kopja ta' liema ċertifikat qed jiġi hawn anness u mmarkat bħala Dok. 'A'.*

*6. Illi s-soċjetà intimata Toom Malta Limited illi inkarigat lill-intimat Nicodemu Frendo sabiex jeżegwixxi dawn ix-xogħlijiet qed tiġi ċitata in ġudizzju wkoll f'każ li tirriżulta responsabilità tagħha naxxenti mill-ingaġġ tal-intimat Nicodemu Frendo għall-eżekuzzjoni ta' dawn ix-xogħlijiet illi kjarament l-imsemmi intimat Nicodemu Frendo naqas illi jwettaq b'mod diliġenti u b'mod li juri li kellu l-ħila neċessarja għall-eżekuzzjoni tagħhom.*

*7. Illi minkejja l-fatt li l-intimati ġew debitament interpellati permezz ta' ittra uffiċjali datata 25 ta' Mejju, 2015 (kopja hawn annessa u mmarkata bħala Dok. 'B'), sabiex jersqu għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni sofferti mir-rikorrent b'riżultat tal-imsemmi inċident, l-intimati baqgħu inadempjenti u għalhekk ir-rikorrent qiegħed jipproċedi b'din il-kawża."*

B'hekk l-attur ħarrek lill-konvenuti sabiex igħidu għaliex din il-Qorti m'għandiex:

*"(i) prevja kwalsiasi dikjarazzjoni oħra talvolta meħtieġa u opportuna, tiddikjara lill-intimati, jew min minnhom, kompletament responsabbli għall-inċident li seħħ fit-28 t'Awwissu, 2015 f'Manoel Island, Gżira waqt li r-rikorrent kien qiegħed iħott xi pjanċi tal-ħadid minn fuq* forklifter *bin-numru ta' reġistrazzjoni 'IQZ-054' li kien misjuq mill-intimat Nicodemu Frendo fuq inkarigu tas-soċjetà intimata Toom Malta Limited;*

*(ii) tillikwida d-danni kollha sofferti mir-rikorrent okkorrendo bl-opera ta perit/i nominandi; u*

*(iii) tikkundanna lill-intimati jew lil min minnhom biex iħallsu lir-rikorrent għad-danni kollha minnu sofferti kif jiġu hekk likwidati.*

*Bl-ispejjeż kollha, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata 25 ta' Mejju, 2015 u bl-interess legali kontra l-intimati li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni."*

Rat ir-risposta maħlufa tal-konvenut **Nicodemu Frendo (K.I. numru 269656M)** ippreżentata fil-21 ta' Novembru, 2016, fejn eċċepixxa:

*"1. Illi huwa ma huwiex b'ebda mod responsabbli għall-inċident li seħħ fit-28 ta' Awwissu 2015 ġewwa Manoel Island, Gżira u dan stante li l-inċident inkwistjoni seħħ għax il-pjanċi tal-ħadid li kienu fuq il-*forklifter*, li ma kienux ġew marbuta tajjeb minn terzi, nħallu u waqu waqt li kien qiegħed jniżżel l-pjanċi dritti l-isfel, dan għal kuntrarju ta' dak allegat mill-attur u ċioe' li huwa minflok qaleb l-frieket tal-istess vettura 'l barra u għalhekk ma kienx negliġenti.*

*2. B'riserva ta' eċċezzjonijiet oħra ai termini tal-liġi."*

Rat ir-risposta maħlufa tas-soċjetà konvenuta **Toom Malta Limited (Reg. Numru C70041)** fejn eċċepiet dan li ġej:

*"1. Illi preliminarjament l-attur għandu jipprova li hu kellu u għad għandu l-interess ġuridiku meħtieġ skont il-liġi fil-konfront tas-soċjetà eċċipjenti Toom Malta Limited (C 70041), wara kollox liema soċjetà esponenti ġiet magħżulha mill-attur stess bħala kontradittur tad-domandi tiegħu;*

*2. Illi prelimarjament ukoll u mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, is-soċjetà esponenti ma hijiex il-leġittimu kontradittur fil-kawża odjerna u għandha tiġi lliberata mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż stante illi, hekk kif ser jiġi ppruvat, la hi u lanqas l-impjegati tagħha ma wettqu l-allegati atti li wasslu għall-ġrieħi li l-attur qed jallega li huwa sofra, u dana hekk kif jiġi ppruvat fil-mori ta' din il-kawża;*

*3. Subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, is-soċjetà esponenti mhijiex responsabbli għal kwalunkwe ġrieħi u/jew danni li seta' soffra l-attur;*

*4. Subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, it-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż;*

*5. Subordinatament ukoll u mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, il-grad ta' diżabilità permanenti li allegatament sofra r-rikorrent tort tal-allegat inċident huwa kontestat u f'kwalunkwe każ żgur ma taħtix is-soċjetà esponenti jekk l-attur ġarrab xi tali diżabilità permanenti;*

*6. Illi inoltre u mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, id-danni pretiżi mir-rikorrenti, inklużi dawk bażati fuq il-konklużjonijiet mediċi tar-rapport eżebit mir-rikorrenti, huma kkontestati u f'kwalunkwe każ żgur ma taħtix is-soċjetà esponenti jekk l-attur ġarrab xi tali danni;*

*7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Għaldaqstant it-talbiet tal-attur għandhom jiġu miċħuda.*

*Bl-ispejjeż."*

Rat ir-rikors tad-29 ta' Novembru, 2016 tas-soċjetà intervenuta fil-kawża **Bonnici Insurance Agency Limited (C 8-614) għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà tal-assigurazzjoni Mapfre Middlesea p.l.c.** (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà intervenuta fil-kawża"), u d-digriet ta' din il-Qorti tat-30 ta' Novembru, 2016, u dak tat-8 ta' Ġunju, 2017.

Rat ir-risposta maħlufa tas-soċjetà intervenuta fil-kawża fejn esponiet is-segwenti:

*"1. Illi l-proċeduri fl-ismijiet fuq premessi jirrigwardaw inċident fuq il-post tax-xogħol illi seħħ nhar it-28 ta' Awwissu 2015, f'Manoel Island, il-Gżira, illi fih kien involut il-konvenut Nicodemu Frendo waqt illi dan kien qiegħed jopera il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni IQZ 054, illi kienet koperata b'Polza ta' Assigurazzjoni maħruġa mill-esponenti illi kopja tagħha hi hawn annessa u esebita u mmarkata bhala* ***Dok. MSI1****;*

*2. Illi minn dak li ġie dikjarat lill-esponenti jirriżulta illi l-inċident* de quo *seħħ meta l-vettura assigurata kienet qiegħda tintuża mill-konvenut waqt ix-xogħol tiegħu meta huwa kien qiegħed ibaxxi xi pjanċi tal-ħadid fuq il-*forklifter *– liema pjanċi ma kienux marbuta sew, evidentement, minn terzi persuni injoti lill-esponenti;*

*3. Illi dan ifisser illi l-inċident seħħ minħabba nuqqas ta' arti u sengħa fil-mod kif ġew marbuta dawn il-pjanċi, u mhux bħala riżultat ta' xi negliġenza, imperizja, traskuraġni jew nuqqas ta' osservazzjoni tar-regolamenti fl-użu tal-vettura assigurata, b'dan allura illi l-polza ta' assigurazzjoni maħruġa mill-esponenti ma kinitx tkopri l-aġir dannuż illi kien il-*causa causans *ta' din is-sitwazzjoni;*

*4. Illi kwindi s-soċjetà intervenuta ma tistax tiġi obbligata illi tagħmel tajjeb għad-danni reklamati mir-rikorrenti ai termini tal-Polza ta' Assigurazzjoni minnha maħruġa stante illi l-event dannuż mhux kopert bħala* insured event;

*5. Illi inoltre, in linea sussidjarja u assolutament mingħajr preġudizzju għal fuq premess, l-attur għandu jġib l-aħjar prova tad-danni effettivi u attwali allegati u reklamati minnu, u għandu jipprova n-ness kawżali bejn id-debilità minnu allegata u l-inċident* de quo *– u b'mod partikolari teħtieġ il-prova illi kwalunkwe debilità lamentata ma kinitx anteċedenti jew riżultat ta' xi ċirkostanzi oħra indipendenti mill-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, inkluż, iżda mhux limitatament kwalunkwe negliġenza da parti ta' terzi jew xi negliġenza kontributorja da parti tal-attur innifsu.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri."*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat id-digriet tagħha tat-22 ta' Mejju, 2019, fejn ħatret lil **Mr Frederick Zammit Maempel** bħala espert mediku ġudizzjarju.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-12 ta' Frar, 2020, fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza, li qiegħda tingħata llum.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

L-attur intavola l-proċeduri odjerni kontra l-konvenuti sabiex jikseb dikjarazzjoni ta' responsabbilità minn din il-Qorti għall-inċident li seħħ f'Manoel Island, il-Gżira fit-28 ta' Awwissu, 2015, fejn huwa sofra debilità permanenti ta' 15% waqt li kien qed jaqdi dmirijietu fuq ix-xogħol. Għalhekk huwa qed jitlob ukoll lil din il-Qorti sabiex tillikwida d-danni sofferti minnu bħala riżultat tal-imsemmi inċident u tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom għall-ħlas ta' dawk id-danni. L-attur jippremetti li l-incident seħħ waqt li l-konvenut li kien ġie inkarigat mis-soċjetà konvenuta sabiex jeżegwixxi diversi xogħlijiet, kien qed isuq *forklifter* bin-numru ta' reġistrazzjoni IQZ 054 u qeleb il-frieket tal-istess *forklifter* lejn l-art. Jgħid li b'hekk il-pjanċi tal-ħadid li kien qed iħott l-attur stess u li kienu marbuta mal-*forklifter* imsemmi, iżżerżqu u waqgħu fuqu. L-attur jallega li dan sar bi traskuraġni, imperizja, imprudenza

u nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tal-konvenut jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti da parti tiegħu, filwaqt li s-soċjetà konvenuta kienet responsabbli għall-akkadut peress li kienet hi li ingaġġat lill-attur sabiex jeżegwixxi x-xogħol.

Min-naħa tiegħu, il-konvenut qed jikkontendi li l-inċident seħħ għaliex il-pjanċi inkwistjoni ma kinux intrabtu sew minn terzi. Għalhekk bl-ebda mod ma jista' jinstab li huwa kien negliġenti.

Is-soċjetà konvenuta wieġbet prelimarjament li l-attur la kellu u lanqas għandu l-interess ġuridiku meħtieġ skont il-liġi fil-konfront tagħha, kif ukoll li hija mhijiex il-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri għaliex la hi u lanqas l-impjegati tagħha ma kienu wettqu l-allegati atti li waslu għall-ġrieħi li l-attur qed jallega li sofra riżultat tal-inċident inkwistjoni. Fil-mertu, is-soċjetà konvenuta qiegħda tikkontesta t-talbiet attriċi stante li dawn huma infondati fil-fatt u fid-dritt u li hija ċertament ma kinitx taħti għad-debilità permanenti li sofra l-attur.

In segwitu għad-digriet ta' din il-Qorti tat-30 ta' Novembru, 2016, fejn is-soċjetà Bonnici Insurance Agency Limited għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà tal-assigurazzjoni Mapfre Middlesea p.l.c. [minn issa 'l quddiem "l-intervenuta fil-kawża"] ġiet awtorizzata sabiex tintervjeni f'dawn il-proċeduri *in statu et terminis*, din is-soċjetà fir-rappreżentanza tagħha kif premessa tikkontendi li ġaladarba l-inċident seħħ riżultat ta' nuqqas ta' arti u sengħa fil-mod li ġew marbuta l-pjanċi u għalhekk il-polza ta' assikurazzjoni li ħarġet ma kinitx tkopri dan l-aġir dannuż. Mingħajr preġudizzju għal dan, l-intervenuta fil-kawża tissottometti li l-attur għandu jressaq l-aħjar prova ta' dawk id-danni

allegatamenti sofferti minnu, kif ukoll tan-ness kawżali bejn id-debilità allegata u l-inċident inkwistjoni.

**Provi u riżultanzi**

L-attur **John Azzopardi** xehed permezz tal-proċedura tal-affiavit.[1] Irrileva li fit-28 ta' Awwissu, 2015, huwa kien sofra korriment fuq il-lant tax-xogħol. Irrileva li huwa kien jaħdem mas-soċjetà Vella Group Ltd fejn kien ilu jaħdem għal madwar ħamsa u għoxrin sena. Dakinhar kien mar fuqu l-imgħallem tiegħu Jimmy Vella u qallu sabiex flimkien ma' Pawlu Ciantar, li kien jaħdem mal-istess soċjetà, imorru jġorru żewġ pjanċi għal Manoel Island. Huma waslu bil-pjanċi hemmhekk għall-ħabta tat-3.30 ta' waranofsinhar. Sejħu għal *forklifter* u kien mar ċertu Alan ħdejhom bil-*forklifter.* Għenuh jimlih bid-*diesel* u qalilhom li setgħu jaħdmu bih. Għalhekk il-kollega tiegħu Pawlu kien tela' fih u dan saqu viċin il-vann fejn kien hemm mgħobbija l-pjanċi. L-attur spjega li huma rabtu l-ewwel pjanċa b'ċinga u sabiex iċ-ċinga tkun saħansitra aktar sigura, huma tawha wkoll barma mal-frieket tal-*forklifter.* Hekk kif rabtu l-pjanċa u raw li din kienet marbuta sew, qal li Pawlu tela' fil-*forklifter* u għolla l-frieket bil-mod u qelibhom lejn l-istess *forklifter* sabiex b'hekk il-pjanċa kienet aktar sigura u ma kinitx ser tiżloq. L-attur kompla jgħid li Pawlu saq il-*forklifter* minn ħdejn il-vann fid-direzzjoni tal-pont li jagħti għad-dħul tal-Forti Manoel, jiġifieri tul ta' madwar tletin sa erbgħin pied, u hekk kif wasal ħdejn il-pont huwa niżel minn fuqu u mar ħdejn l-attur sabiex jiftiehmu kif kienu ser iqiegħdu l-pjanċa fl-art. Iżda hekk kif Pawlu dar biex jerġa' jsuq il-*forklifter,*

[1] *A fol.* 20 tal-proċess.

huwa sab li kien hemm raġel ieħor bilqiegħda fih u dan qallu li s-soltu kien hu li jaħdem bih dan il-*forklifter.* L-attur iddikjara li dan ir-raġel kien proprju l-konvenut Nicodemu Frendo. Pawlu wieġbu illi kien kollox sew u kien il-konvenut li beda jsuq minfloku l-*forklifter*. Dak il-ħin anki Alan kien preżenti fejn kienet ser titniżżel il-pjanċa. L-attur qal li kif hu u sieħbu Pawlu raw kif kienet ser titpoġġa l-pjanċa fl-art, huma għamlu sinjal lill-konvenut sabiex jibda jniżżel il-frieket. Imma l-konvenut qaleb il-frieket ’il quddiem sabiex dawn ġew iħarsu ’l isfel, u b’hekk żelqet iċ-ċinga li kienet qiegħda torbot il-pjanċa u żelqet ukoll il-pjanċa li ġiet għal fuq l-attur u sabtitu mal-art. L-attur stqarr li huwa spiċċa mgħaffeġ mal-art bit-toqol tal-pjanċa fuqu u beda jħoss uġigħ kbir f’dahru. Pawlu beda jipprova jilleva l-pjanċa ’l fuq sabiex jiġbduh minn taħtha, iżda xorta waħda l-attur ma setax iqum minn mal-art u baqa’ hemm sakemm waslet l-ambulanza. Sadanittant wasal ukoll l-imgħallem tiegħu. Huwa ddaħħal fid-Dipartiment tal-Emerġenza fl-Isptar Mater Dei u sarlu CT Scan urġenti u rriżulta li kellu ksur f’dahru. L-għada tal-inċident fl-isptar libsuh kurpett tal-ħadid biex iżommlu dahru. Huwa baqa’ jħoss uġigħ kontinwu u sabha diffiċli ferm li jagħmel ftit passi. Meta ħareġ mill-isptar kellu jieħu l-mediċina biex itaffi l-uġigħ kbir li kien qed iħoss, tant hu hekk li kien qed isibha diffiċli jimxi. Huwa dam żmien twil b’diffikultà biex jimxi u anki biex ipoġġi bilqiegħda. Kien kostrett li jilbes il-kurpett għal tliet xhur sħaħ u kellu jieqaf mix-xogħol għal ħames xhur, filwaqt li ma setax iqandel anki oġġetti ħfief, u lanqas lil ibnu ta’ sentejn ma seta’ jerfa’ aktar. L-introjtu tiegħu kien naqas sew, tant hu hekk li l-mara tiegħu kellha toħroġ taħdem sabiex ilaħħqu mal-ispejjeż tal-familja u dawk tal-kura u tal-visti għand it-tobba tiegħu. Sadanittant huwa beda jattendi għal visti fl-Isptar Mater Dei fejn kien jarah il-Professur Thomas Aquilina, u

anki għat-terapija fl-Isptar San Luqa. Meta rega' lura għax-xogħol, l-imgħallem ma setax jagħtih xogħol li jinvolvi l-irfigħ u peress li beda jagħmel xogħol aktar ħafif, il-grad tiegħu bħala *foreman* tbaxxa għal dak ta' lavrant u b'hekk ukoll naqset il-paga tiegħu, filwaqt li tilef ukoll l-*allowance.* L-attur iddikjara li tilef ukoll kull prospett li jtejjeb il-pożizzjoni tiegħu u kellu jitlaq il-passatemp tiegħu fejn kien imur iqatta' ħin twil ma' missieru jgħinu fix-xogħol tar-raba'.

Waqt l-udjenza tas-7 ta' Lulju, 2017, xehed **Mario Paul Ciantar**[2] prodott mill-attur. Ix-xhud iddikjara li huwa kien magħruf bħala Pawlu u kien ħadem ma' Vella Group bħala mekkanik għal dawk l-aħħar tletin jew ħamsa u tletin sena. Spjega kif dakinhar tal-inċident kien mar fuqu l-imgħallem fil-bitħa minn fejn kienet topera din il-kumpannija u qallu sabiex jgħabbi żewġ pjanċi. Imbagħad bagħat lill-attur miegħu lejn Manoel Island bil-pjanċi fejn kien qiegħed jinħadem *film.* Dawn il-pjanċi kienu twal tmien piedi u wesgħin erba' piedi u ħoxnin pulzier u kienu bħal dawk li jintużaw fit-trinek tat-toroq. Kif waslu hemmhekk, staqsew għal wieħed jismu Alan skont kif qalilhom l-imgħallem, u dan wasal b'*forklifter* biex jaħdmu bih. Ix-xhud qal li aċċetta li jaħdem bih hu *"...għax xbajt insuqhom dawk il-*forklifters" peress li xogħlu ta' mekkanik kien jirrikjedi l-użu spiss tal-*forklifter*. B'hekk huwa qabad il-*forklifter* u bl-għajnuna tal-attur refa' l-pjanċa. Spjega kif għal dan il-għan huwa kien jagħmel toqba f'nofs il-pjanċa u jgħaddi ċinga minn hemm, b'mod li din kienet tkun b'erbgħa. Imbagħad huwa kien jidħol bil-furketta, liema furketta kienet tkun tħares 'il fuq sabiex iċ-ċinga ma toħroġx. Qal ukoll li ċ-ċinga kien idawwara darbtejn mal-furketta. Il-furketta mexa biha tletin pied bil-*forklifter* u huwa waqaf ħdejn il-pont u niżel minn fuqu biex jgħin lill-attur idawwar il-pjanċa biex tiġi angolata.

[2] *A fol.* 45.

Kif dawwar wiċċu sab lill-konvenut Nicodemu Frendo fil-*forklifter* u dan qallu li kien hu li kien iħaddem dak il-*forklifter* u għalhekk ix-xhud aċċetta li jkompli jaħdem bih il-konvenut. Meta mbagħad l-attur qal lill-konvenut "baxxi", dan minflok qaleb il-frieket lejn l-art, ħarġet iċ-ċinga mill-furketta, għaliex dawn tniżżlu bis-saħħa u waqgħet il-pjanċa li remiet lill-attur għal ġol-ħajt. Hemmhekk kien hemm kanna li laqtitu ġo dahru, filwaqt li l-pjanċa qabditu mill-irkoppa 'l isfel. Ix-xhud tatu rasu u refa' minnufih il-pjanċa pied mill-art sabiex l-attur seta' joħroġ saqajh 'il barra. Kif għamel hekk, l-attur baqa' ganċ jgħajjat bl-uġigħ. Waslet tabiba li kienet taħdem hemm u ċemplet għall-ambulanza li ħadet lill-attur l-isptar, filwaqt li ċemplu lill-imgħallem Jimmy Vella li wasal ukoll fuq il-post. Huwa mar biex ipoġġi l-pjanċa l-oħra fejn kellha tiġi, iżda sab li l-konvenut kien tela' fil-*forklifter.* Ix-xhud qallu sabiex jaqbeż 'il barra minn hemm u l-pjanċa qiegħda hu u l-imgħallem bl-istess ċinga li kienu użaw għall-ewwel waħda.

Waqt l-istess udjenza xeħed **John Mary Vella**[3], prodott mill-attur. Iddikjara li huwa kien magħruf bħala Jimmy Vella u kien direttur u impjegat tas-soċjetà Vella Group. Ix-xhud irrileva li l-attur kien ilu jaħdem mas-soċjetà Vella Group għal xi ħamsa u għoxrin sena jew tlieta u għoxrin sena. Dakinhar tal-inċident ċempillu wieħed Eddie ta' nazzjonalità Ingliża, fejn qallu li kellu bżonn ta' xi pjanċi wara li kien intlaqat il-pont ta' Manoel Island. Għalhekk ix-xhud bl-għajnuna ta' Mario Paul Ciantar, mekkanik mas-soċjetà Vella Group, għabba l-pjanċi mill-bitħa fejn kienet topera l-imsemmija kumpannija għal fuq vann u bagħat lil Ciantar bihom flimkien mal-attur. Huwa kien staqsihom jekk kellhomx bżonn *forklifter,* iżda dawn wieġbu li kienu ser jużaw *forklifter* minn

[3] *A fol.* 58.

hemmhekk. Iżda aktar tard huwa kien irċieva telefonata fejn ġie infurmat li kienet waqgħet pjanċa fuq impjegat minn tiegħu u huwa ħarab jiġri għal fuq il-post. Hemmhekk sab lill-attur mixħut fl-art jgħajjat bl-uġigħ u dan mar l-Isptar bl-ambulanza. Ix-xhud qal li huwa kien sab il-*forklifter* bil-frieket ’l isfel xi erba’ piedi u nofs jew ħamsa maqtugħin mill-art. Spjega li dawn dejjem jinqelbu lejn ix-xufier meta l-*forklifter* ikun qed jintuża għall-ġarr. Ma setax jiftakar fejn kienet iċ-ċinga, iżda ddikjara li mal-*forklifter* ma kinitx. Kif telaq l-attur lejn l-isptar, hu u Mario Paul Ciantar għabbew il-pjanċa l-oħra fuq il-*forklifter,* rabbtuha u poġġewha fejn kellha tiġi. Ix-xhud spjega li dak ix-xogħol li kien jagħmel l-attur qabel, illum l-attur ma jistax jagħmlu u l-paga tiegħu kellha saħansitra tonqos ukoll, filwaqt li tilef l-*allowances.*

Waqt l-udjenza tat-23 ta’ Ottubru, 2017, xehed għal darb’oħra **John Mary Vella** riprodott mill-attur.[4] Huwa esebixxa diversi dokumenti li ġew immarkati minn Dok. JMV1 sa Dok. JMV8.[5] In kontroeżami mill-intervenuta fil-kawża x-xhud ikkonferma li l-attur kien dam xi erba’ jew ħames xhur qabel ma daħal lura għax-xogħol u ma setax jidħol fl-istess kariga li kellu fejn kien saħansitra jieħu ħsieb ħames impjegati u jagħmel mhux biss xogħol ta’ *foreman,* iżda xogħol tal-idejn ukoll. Illum l-attur ma setax jagħmel xogħol iebes għaliex kellu bżonn l-għajnuna ta’ ħaddieħor u kien qed jagħmel *light duties.* Peress li kien ilu xi tmienja u għoxrin sena jaħdem magħha, il-kumpannija b’rispett tax-xogħol tajjeb li kien ta, iddeċidiet li żżommu magħha.

[4] *A fol.* 68.
[5] *A fol.* 74 sa 108.

Waqt l-udjenza tal-24 ta' Jannar, 2018, xehed il-konvenut **Nicodemu Frendo**, prodott in subizzjoni mill-attur.[6] Irrileva li għall-ħabta ta' Awwissu, 2015, huwa kien jaħdem ma' Godwin's Garage u dak iż-żmien kien stazzjonat f'Manoel Island fejn xogħlu kien bil-*forklifter.* Dakinhar tal-inċident hekk kif baxxa l-frieket skont l-istruzzjonijiet li tawh, qabżet iċ-ċinga li kienet mal-*forklifter* u l-pjanċa nqelbet għal fuq l-attur.

Waqt l-udjenza tas-6 ta' April, 2018, xehed **Mr Thomas Azzopardi** prodott mill-attur[7], li kkonferma r-rapport tiegħu.[8] Ikkonferma li l-korriment tal-attur kien kompatibbli mal-inċident skont l-informazzjoni li kien ngħata.

Waqt is-seduta tal-4 ta' Ġunju, 2018, xehed **John Mary Vella** prodott mill-ġdid mill-attur.[9] Ikkonferma li l-kariga tiegħu ma' Vella Group kienet dik ta' direttur, u dan filwaqt li ppreżenta kopja ta' dokument li ġie mmarkat Dok. JVV1.[10] Spjega li dan id-dokument kien jikkonsisti f'stima sabiex ġew provvduti żewġ pjanċi u li kienet iffirmata minnu stess.

Ix-xhud **Godwin Mifsud** xehed permezz tal-proċedura tal-affidavit.[11] Iddikjara li huwa kien id-direttur maniġerjali tas-soċjetà Ranger Limited li kienet topera negozju ta' kiri ta' vetturi jew inġenji inklużi *forklifters,* taħt l-isem Godwin's Garage. Is-soċjetà konvenuta Toom Malta Limited kienet topera fl-industrija taċ-ċinema u din kienet għamlet kuntratt għall-kiri tal-*forklifter* inkwistjoni[12] u dan kien stazzjonat Manoel Island u assenjat mad-dipartiment tal-kostruzzjoni.

---

[6] *A fol.* 111.
[7] *A fol.* 120.
[8] *A fol.* 7 *et. seq.*
[9] *A fol.* 127.
[10] *A fol.* 130.
[11] *A fol.* 136.
[12] Dok. 1 *a fol.* 137.

Spjega li l-konvenut kien ser jiġi impjegat minn din il-kumpannija wara perijodu ta' prova, u dan kien għall-ħabta ta' Awwissu, 2015. Qal li l-konvenut kellu esperjenza ta' bosta snin fl-operat ta' vetturi kbar, anki *forklifters*, u dan kif kien jirriżulta miċ-ċertifikat tal-Inġinier anness mal-affidavit tiegħu bħala Dok. 2.[13]

Waqt l-udjenza tat-3 ta' Diċembru, 2018, xehed minn **l-Ispettur Jonathan Ransley**, prodott mill-konvenut.[14] Spjega li l-Pulizija kienu ġew mgħarrfa bl-inċident inkwistjoni xi ġimagħtejn wara u għalhekk ma setgħux jagħmlu investigazzjoni fuq il-post. Ix-xhud esebixxa kopja tar-rapport.[15]

Waqt l-udjenza tas-16 ta' Jannar, 2019, xehed **Alan Muscat**, prodott mill-konvenut.[16] Qal li dak iż-żmien tal-inċident inkwistjoni, huwa kien impjegat ma' Latina Pictures bħala *assistant location manager.* Dakinhar tal-inċident filwaqt li kien xogħol Manoel Island, kienu waslu xi ħaddiema b'xi pjanċi biex iqegħduhom fuq pont u huwa kien urihom fejn kellhom jitpoġġew. Huma kienu ġew mingħajr *forklifter* u għalhekk kien hemm kuntrattur ieħor li tahom wieħed biex jaħdmu. Sadanittant huwa kellu affarijiet oħra x'jagħmel. Ix-xhud ikkonferma l-kontenut tad-dikjarazzjoni tiegħu li ġiet immarkata Dok. AM1.[17] F'din id-dikjarazzjoni huwa qal li waqt li kien għamel żmien jaħdem għal Toom Productions Ltd, huwa kien ġie inkarigat sabiex jissorvelja dak li kien qed isir ġewwa Fort Manoel. Peress li kien hemm bżonn li jitwitta l-pont, huwa kien staqsa lis-sub-kuntrattur Vella Group Ltd sabiex jagħtuhom pjanċa tal-ħadid

[13] *A fol.* 138.
[14] *A fol.* 152.
[15] Dok. JR1 *a fol.* 160.
[16] *A fol.* 168.
[17] *A fol.* 171.

sabiex titpoġġa hemm. Il-ħaddiema ta' din il-kumpannija kienu marru b'dawn il-pjanċi fit-28 ta' Awwissu, 2015, u filwaqt li talbuh jispjega x'kien hemm bżonn isir, huma staqsewh ukoll jekk setgħux jagħmlu użu mill-*forklifter* tagħhom. Ix-xhud aċċetta u l-impjegati saquh lejn it-*truck* tagħhom fejn rabtu pjanċa tal-ħadid ma' waħda mill-frieket permezz ta' *'American belt'* sabiex b'hekk din kienet qiegħda tiddendel b'mod vertikali. L-impjegati imbagħad saqu lejn fejn kien hemm bżonn li titpoġġa l-pjanċa, filwaqt li l-ieħor kien quddiemu. Dan tal-aħħar beda jidderiġi lis-sewwieq u qallu sabiex jibda jniżżel il-frieket. Kif il-pjanċa misset mal-art, iċ-ċinturin inħall u ħareġ mill-furketta u l-pjanċa waqgħet fuq l-impjegat li kien bilwieqfa. Dan waqa' lura u l-pjanċa waqgħet fuq saqajh. Ix-xhud flimkien mal-impjegat l-ieħor ippruvaw jgħollu l-pjanċa sabiex l-impjegat li kien taħtha seta' joħroġ saqajh 'il barra. Dan irnexxielu joħroġhom, iżda beda jilmenta minn uġigħ f'dahru u għalhekk ix-xhud qallu sabiex ma jiċċaqlaqx. Ix-xhud mar għajjat lit-tabiba li kienet fuq is-*set* u din sejħet għal ambulanza. Ix-xhud iddikjara li l-ebda persuna għan-nom tas-soċjetà Toom Productions Ltd jew saħansitra huwa stess ma kien ta struzzjonijiet speċifiċi għall-biċċa xogħol li kellha ssir. Iddikjara li l-ġimgħa ta' qabel kien mar sabu Jimmy Vella fejn qallu li jkun aħjar għalih jekk jgħid li xi ħadd mill-impjegati tagħhom kien qed isuq il-*forklifter* u mhux impjegat minn tiegħu. Min-naħa tiegħu x-xhud wieġbu li ma kellu l-ebda raġuni għaliex ma jgħidx il-verità.

Waqt l-udjenza tal-21 ta' Marzu, 2019, xehed għal darb'oħra **Alan Muscat**, riprodott mill-konvenut.[18] Qal li lill-konvenut huwa kien rah isuq il-*forklifter* kuljum.

---

[18] *A fol.* 188.

Waqt l-istess udjenza xehed **Zack Bowman** prodott mill-konvenut.[19] Ix-xhud ippreżenta kopja tad-dokument tal-polza u tal-polza stess li nħarġet minn Bonnici Insurance lil Godwin Mifsud għan-nom ta' Ranger's Limited, liema dokumenti ġew immarkati Dok. ZB1 u Dok. ZB2 rispettivament[20], filwaqt li ddikjara li fl-istess polza kien hemm immarkat dak li ma kienx kopert, jiġifieri *"liability for death, injury or damage resulting from the use of your vehicle or machine attached to it as a tool of trade".*

Waqt l-udjenza tat-22 ta' Mejju, 2019, xehed **Winston Azzopardi**, prodott mis-soċjeta' konvenuta.[21] Ix-xhud spjega li s-soċjetà konvenuta kienet ġiet iffurmata sabiex sar il-*film "Assassin's Creed",* fejn huwa kien il-produttur Malti. Din is-soċjetà kienet kriet xi pjanċi mingħand Vella sabiex jitqiegħdu Manoel Island. Spjega wkoll li s-soċjetà konvenuta kellha bosta vetturi, fosthom *forklifters*, mikrija għandha, iżda dawn ġeneralment kienu jinkrew bis-sewwieq magħhom. Dakinhar tal-inċident kien hemm Alan Muscat fuq il-post, li kien inkarigat bħala *unit manager*, iżda x-xhud ma kienx qatt sema' bl-isem tal-attur jew tal-konvenut. Iddikjara li min-naħa tagħha s-soċjetà konvenuta qatt ma kienet ippreżentat *claim.*

Waqt l-udjenza tat-23 ta' Settembru, 2019, xehed **Patrick Parnis** prodott mis-soċjetà konvenuta.[22] Ix-xhud spjega li s-soċjetà konvenuta li kienet involuta fil-produzzjoni ta' *films,* kienet assenjat lilu sabiex jieħu ħsieb li jara li jsiru r-*risk assessments* u sabiex is-superviżjoni ssir kif kellha tkun. Fis-sena 2015 kien qed jinħadem il-*film "Assassin's Creed"* hawn Malta. Spjega li waħda mill-miżuri li

[19] *A fol.* 190.
[20] *A fol.* 192 *et seq.*
[21] *A fol.* 224.
[22] *A fol.* 291.

s-soċjetà konvenuta ħadet, kienet li jitqiegħdu pjanċi fuq il-pont li jagħti għall-pjazza ta' Manoel Island sabiex b'hekk jiġi sodat dak il-pont. Dakinhar tal-inċident huwa ma kienx fuq is-sit.

Waqt l-udjenza tal-21 ta' Ottubru, 2019, xehed bil-ġurament għal darb'oħra **Zack Bowman**[23] prodott mis-soċjetà konvenuta, bħala rappreżentant tas-soċjetà Bonnici Insurance Limited. Ikkonferma li kien hemm *claim*[24] miftuħa min-naħa ta' Godwin Mifsud, iżda qatt ma tħallset għaliex kien għadha ma ġietx stabbilita r-responsabbilità.

Waqt l-istess udjenza xehed **Godwin Mifsud** prodott mis-soċjetà konvenuta.[25] Ix-xhud spjega li huwa kien kera l-*forklifter* inkwistjoni lis-soċjetà Latina Pictures. Dakinhar tal-inċident il-konvenut kien impjegat miegħu u kien qed isuq il-*forklifter* wara li kien bagħtu x-xhud stess peress li kien intalab li jibgħatilhom sewwieq mal-*forklifter.* Ikkonferma li l-konvenut kien baqa' jaħdem magħhom sakemm spiċċa l-film.

Waqt l-udjenza tal-15 ta' Novembru, 2019, xehed in kontroeżami l-attur prodott mis-soċjetà konvenuta.[26] Ikkonferma li dakinhar tal-inċident hu u Pawlu kellhom struzzjonijiet mingħand il-prinċipal tagħhom sabiex jieħdu żewġ pjanċi Manoel Island fejn kellhom isibu lil ċertu Alan jistennihom sabiex il-pjanċi jniżżluhom fuq il-pont. Kif waslu, staqsew lil Alan għal *forklifter* u qalulhom biex jaħdmu bil-*forklifter* involut fl-inċident. Pawlu kien qed iħaddem il-*forklifter* u ressqu viċin bil-pjanċa fuqu. L-attur għadda ċ-ċinga minn ġol-

[23] *A fol.* 305.
[24] Dok. ZB1 *a fol.* 309.
[25] *A fol.* 313.
[26] *A fol.* 323.

pjanċa u rabatha ma' furketta minnhom tal-*forklifter* billi taha barma u sieħbu Mario qeleb il-frieket lura lejh u qata' l-pjanċa 'l fuq sabiex din ġiet wieqfa. Huma mxew xi tletin pied u Pawlu niżel biex jaraw kif kienu ser iqegħduha. Kif daru, sabu lill-konvenut fil-*forklifter,* li qalilhom li dak il-*forklifter* hu kien isuqu. Peress li dan ma kienx tal-kumpannija tagħhom, huma aċċettaw. Huma qalulu biex iniżżel u minflok niżżel il-frieket, qelibhom 'il quddiem. Sostna li hu jew Pawlu kienu qalu lill-konvenut biex iniżżel il-frieket u mhux jeqlibhom. Dak il-ħin huwa kien xi metru bogħod mill-*forklifter* biex seta' jidderiġi l-pjanċa meta tinżel. L-attur ikkonferma li huwa kien il-*foreman* jew l-imgħallem fuq ix-xogħol. Qal li huwa kien ilu jaħdem fuq ix-xogħol ta' kostruzzjoni għal dawk l-aħħar sebgħa u għoxrin jew tmienja u għoxrin sena u qatt ma kellu probemi bħal din li nqalgħet. Meta sarlu riferiment għal dak li qal l-attur kif tniżżel fir-rapport tal-Pulizija, huwa nnega li dik kienet il-verżjoni t-tajba. Isem il-konvenut kien sar jafu meta deher l-ewwel darba fil-Qorti fl-Awla numru 1.

Waqt l-udjenza tat-13 ta' Jannar, 2020, xehed in kontroeżami l-konvenut prodott mis-soċjetà konvenuta.[27] Ikkonferma li xogħlu kien li jsuq il-*forklifter* u l-istruzzjonijiet hu kien jeħodhom mingħand Godwin Mifsud. Dakinhar tal-inċident il-*forklifter* kien wieqaf għaliex kien qed jinġibed film, iżda dan sabu fuq il-post tal-inċident fejn kellha titniżżel il-pjanċa. Kienu qalulu li dan il-*forklifter* kien tahulhom il-*foreman* t'hemm, iżda l-konvenut qal li ma setgħux isuquh nies oħra peress li l-*forklifter* kien mikri bix-xufier, jiġifieri hu stess. Sostna li dakinhar huwa kien baxxa l-frieket u mhux qelibhom. Huwa ma kienx ra kif kienet marbuta ċ-ċinga. Spjega li l-pjanċa kienet wieqfa taħt u quddiem il-frieket u marbuta min-nofs fejn kien hemm toqba għal ma' furketta waħda

[27] *A fol.* 346.

tal-lemin. Din kienet tiġi man-naħa tal-ħajt maġenb il-*forklifter.* Spjega li ċ-ċinga tad-drapp minflok kienet dritta kienet imżerżqa u kienet imdawwra biss lejn in-nofs tal-furketta. Il-frieket tal-*forklifter* kienu mill-qosra wisa' ta' *pallet* u dawn kienu dritti iżda kemm kemm meqluba. Huwa kien qabad u tela' fil-*forklifter* biex jgħinhom u xi ħadd minn dawk it-tnejn min-nies li sab ħdejn il-*forklifter* kien qallu sabiex ibaxxi. Il-konvenut iddikjara li l-angolatura tal-frieket kien ħalliha l-istess u huwa kien biss qabad l-ewwel *lever* mit-tlieta li kien hemm u baxxa l-frieket, iżda peress li ċ-ċinga ma kinitx dritta mal-pjanċa, anzi kienet angolata, kif din messet l-art iċ-ċinga llaxkat u ħarġet u nqalbet lejn in-naħa ta' barra. Qal din ma kellhiex għoqiedi u kienet stirata qisha molla għaliex kif il-pjanċa messet mal-art, din taret. Iddikjara li dak li ġara ma seħħx għaliex huwa kien qaleb il-frieket. Kompla jispjega li l-frieket jinżlu jgħaġġlu skont il-piż li jkun hemm. Dak il-ħin stess tal-inċident il-konvenut ċempel lill-imgħallem tiegħu.

Waqt l-udjenza tat-12 ta' Frar, 2020, xehed in kontroeżami **Mario Paul Ciantar**, prodott mis-soċjetà konvenuta.[28] Spjega li t-toqba li kellha l-pjanċa inkwistjoni kienet tliet pulzieri 'l isfel min-naħa ta' fuq tagħha lejn in-nofs. Qal li kien l-attur li rabat il-pjanċa u din dawwarha żewġ dawriet ma' furketta waħda u spjega li mal-piż iċ-ċinga kienet ser tissikka. Spjega wkoll li l-frieket kienu jiżżerżqu u għalhekk wieħed seta' jressaqhom 'il fejn ried. Imbagħad ix-xhud tella' l-pjanċa 'l fuq bil-mod u din ġiet ċatta mal-*forklifter,* filwaqt li l-frieket kienu 'l fuq biċ-ċinga madwar tmien pulzieri 'l ġewwa. Huwa mexa madwar tletin pied lejn il-pont u l-attur baqa' jżomm il-pjanċa biex din ma tiċċaqlaqx. Meta waqaf, huma dawruha sabiex iniżżluha f'postha u l-attur qal

[28] *A fol.* 372.

lill-konvenut sabiex iniżżel bil-mod. Iżda dan minflok qaleb il-frieket 'l isfel u l-*forklifter* ħasdu. Hu u l-attur kienu f'kull tarf ta' din il-pjanċa, iżda x-xhud irnexxielu ineħħi jdejh u l-pjanċa ma laqtitux. Iddikjara li sal-lum ma kienx jaf kif ħarġet il-pjanċa, iżda fl-istess ħin sostna li din ħarġet għax il-konvenut ħatafha.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

Il-Qorti sejra l-ewwel tindirizza l-kwistjoni tar-responsabbilità għall-inċident inkwistjoni, imbagħad tgħaddi biex tikkonsidra t-talbiet l-oħra f'din il-kawża.

Imma qabelxejn fir-rigward tal-eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta li hi mhijiex il-leġittimu kontradittur, il-Qorti tagħraf li l-attur sewwa ħarrek lilha wkoll f'dawn il-proċeduri. Tosserva li t-talba tiegħu għal dikjarazzjoni ta' responsabbilità tolqot lill-konvenut, li skont kif irriżulta lill-Qorti aktar 'il fuq, kien inkarigat iħaddem il-*forklifter* inkwistjoni skont kuntratt ta' kiri li sar bejn l-istess soċjetà konvenuta u s-soċjetà Rangers Ltd li topera bl-isem *Godwin's Garage*.

Mill-provi jirriżulta li fil-ġurnata tal-inċident fit-28 ta' Awwissu, 2015, l-attur kien impjegat mas-soċjetà Vella Group Ltd bħala *foreman,* fejn kien ilu jaħdem għal madwar ħamsa u għoxrin sena.[29] Dakinhar wara s-2.30 ta' waranofsinhar hekk kif kien spiċċa xogħol u kien qiegħed fil-bitħa minn fejn kienet topera dik is-soċjetà, mar l-imgħallem John Mary magħruf bħala Jimmy Vella fuq l-attur u

[29] Ara affidavit a *fol.* 23.

fuq Mario Paul Ciantar, magħruf bħala Pawlu, impjegat ukoll mal-istess soċjetà iżda bħala mekkanik, u qalilhom sabiex iġorru żewġ pjanċi tal-ħadid għal Manoel Island. Staqsihom jekk kienx hemm bżonn *forklifter,* iżda huma wieġbu li kienu ser isibu wieħed minn fuq il-post. Huwa qalilhom sabiex isaqsu għal wieħed Alan meta jaslu hemm.

Wara li għabbew il-pjanċi fuq vann*,* huma waslu Manoel Island bihom għall-ħabta tat-3.30 ta' waranofsinhar.[30] Sejħu għal *forklifter* u ġie b'wieħed ċertu Alan Muscat li dak iż-żmien kien jaħdem bħala *assistant location manager* mas-soċjetà konvenuta, fejn xogħlu kien jikkonsisti fl-issorveljar ta' dak li kien qed jiġri waqt l-operat tagħha f'Manoel Island.[31] Wara li għenuh jagħtih id-*diesel,* qalilhom li setgħu jibdew jaħdmu bih.[32] Dan il-*forklifter* fil-fatt kienet krietu s-soċjetà konvenuta mingħand is-soċjetà Ranger Limited li topera fil-qasam ta' kiri ta' vetturi u inġenji taħt l-isem *Godwin's Garage.*[33] Il-kiri tal-*forklifter* kien sar bil-patt li dan ikollu sewwieq miegħu, li kien proprju l-konvenut.[34]

Pawlu aċċetta l-offerta ta' Alan li jħaddem il-*forklifter* inkwistjoni, peress li kellu l-esperjenza fis-sewqan tiegħu[35] u tela' jsuqu u saqu għal ħdejn il-vettura tagħhom. L-attur rabat pjanċa[36] permezz ta' ċinga tad-drapp billi għaddieha minn toqba lejn in-nofs tal-wisgħa tagħha xi tliet pulzieri 'l isfel mix-xifer.

[30] *Ibid. a fol.* 20.
[31] Xhieda seduta 16.01.19 *a fol.* 168 u dikjarazzjoni ġuramentata *a fol.* 171.
[32] *Ibid* u dikjarazzjoni ġuramentata *a fol.* 171.
[33] Affidavit Godwin Mifsud *a fol.* 136.
[34] Xhieda 21.10.19 *a fol.* 314.
[35] Xhieda seduta 07.07.17 *a fol.* 48.
[36] Xhieda seduta 15.11.19 *a fol.* 326.

Imbagħad rabat il-pjanċa mal-furketta tal-lemin tal-*forklifter* u sabiex iċ-ċinga tkun aktar sigura u ma tiżloqx, baramha mal-furketta wkoll.[37]

Imbagħad Pawlu saq il-*forklifter* għal xi tletin pied lejn il-pont li jagħti għad-dħul tal-forti, filwaqt li l-attur żamm il-pjanċa sabiex din ma ddurx.[38] Kif waslu, Pawlu niżel minn fuq il-*forklifter* u flimkien mal-attur dawru l-pjanċa[39] u bdew jaraw kif ser iqiegħdu l-pjanċa[40], għalkemm l-attur bħala *foreman* kellu l-aħħar kelma.[41] Iżda kif Pawlu dar biex jitla' fuq il-*forklifter*, huma raw lill-konvenut riekeb fih. Pawlu staqsieh jekk kienx hu li kien ser jaħdem bih u l-konvenut wieġeb li kien hu li s-soltu jaħdem bih.[42] Pawlu qallu li kollox kien sew u aċċetta li jsuqu il-konvenut.[43] Sadanittant Alan kien baqa' fil-viċinanzi.

Pawlu u l-attur lestew ruħhom sabiex ikunu jistgħu jidderiġu l-pjanċa. L-attur xehed ukoll li huwa kien qed iħares 'l isfel lejn fejn kienet ser tiġi l-pjanċa[44], u xi ħadd minnhom qal lill-konvenut sabiex iniżżel[45] u b'hekk il-pjanċa tmiss mal-art u tkompli nieżla ċatta fl-art.[46] Skont l-attur u sieħbu Pawlu[47], il-konvenut minflok qaleb il-frieket 'il quddiem, sabiex b'hekk iċ-ċinga żelqet u l-pjanċa niżlet għal isfel u ġiet għal fuq l-attur u remietu fl-art sabiex b'hekk spiċċa mgħaffeġ taħtha.[48] Il-konvenut min-naħa l-oħra jsostni li hu ma qalibx il-frieket iżda baxxihom.[49]

---

[37] *Ibid.*
[38] *Ibid. a fol.* 21 u xhieda Pawlu in kontro-eżami seduta 12.02.20 *a fol.* 383.
[39] Xhieda seduta 07.07.17 *a fol.* 51.
[40] *Ibid.*
[41] Xhieda 15.11.19 *a fol.* 329.
[42] *Ibid.*
[43] *Ibid.*
[44] *Ibid. a fol.* 332.
[45] Xhieda 15.11.19 *a fol.* 336.
[46] *Ibid. a fol.* 337.
[47] Xhieda seduta 07.07.17 *a fol.* 52 u 53.
[48] *Ibid.* u xhieda 15.11.19 *a fol.* 338
[49] Xhieda seduta 24.01.18 *a fol.* 113 u *Ibid. a fol.* 347.

Minkejja il-verżjonijiet konfliġġenti tal-attur u tal-konvenut, il-Qorti hija tal-fehma li l-fatti juru li r-responsabbilità tal-inċident inkwistjoni bla dubju mhijiex dik tal-konvenuti. Tosserva li filwaqt li l-attur jinsisti li kienet l-azzjoni tal-konvenut li wasslet għall-akkadut meta dan qaleb il-frieket tal-*forklifter* mgħobbija bil-pjanċa minflok baxxihom, il-Qorti tgħid li kien proprju l-mod li bih intrabtet, anzi naqset milli tintrabat iċ-ċinga li kienet qiegħda żżomm il-pjanċa mal-frieket tal-*forklifter,* li wassal għall-inċident ikrah tal-attur. Kieku ċ-ċinga tagħha intrabtet sew, bl-ebda mod ma setgħet taqa' l-pjanċa, kemm jekk il-frieket inqalbu, kemm jekk tbaxxew.

Il-Qorti tgħid li ma tistax ma tqisx hawnhekk dak li qal il-konvenut, għaliex dan saħansitra ġie konfermat minn sieħeb u kollega tal-attur stess Mario Paul Ciantar meta in kontroeżami xehed li *"Iva Johnny Azzopardi. Rabatli l-pjanċa hu ... Iċ-ċinga mhux daħħalha hekk, dawwarha żewġ dawriet imbagħad dik xħin tħoss il-piż iċ-ċinga iktar tissikka ...".*[50] In kontroeżami l-konvenut spjega li ċ-ċinga kienet mdawwra mal-furketta biss, u dan lejn in-nofs tagħha.[51] Qal ukoll li l-frieket tal-*forklifter* ma kinux mit-twal iżda kienu mill-qosra, jiġifieri wisa' ta' *pallet* u dawn kienu merfugħin ftit 'il fuq.[52] Mario Paul Ciantar in kontroeżami kkonferma dan meta qal li l-frieket tal-*forklifter* kienu xi metru jew metru u nofs twal meta l-pjanċa skont dak li jgħid hu kienet kbira tmienja b'erba' piedi.[53]

Għalhekk il-Qorti tifhem u taċċetta l-verżjoni tal-konvenut kif seħħ l-inċident meta jgħid *"... imma ċ-ċinga ma kinitx qiegħda dritta hekk mal-pjanċa, kienet*

---

[50] Xhieda seduta 12.02.20 *a fol.* 376.
[51] Xhieda seduta 13.01.20 *a fol. 354* u 355.
[52] *Ibid.*
[53] Xhieda seduta 12.01.20 *a fol.* 374 u 379.

*qiegħda hekk allura xħin misset mal-art, illusinjat ruħha u ċ-ċinga ħarġet għax din molla kienet ... Kellha żewġ dawriet jew tlieta imma xħin il-pjanċa misset mal-art, peress li kienet iċ-ċinga kienet qiegħda hekk, mhux qiegħda dritta, għax kieku qiegħda dritta mhux ħa tinqala' ...".*[54] U Mistoqsi mill-Qorti jekk kienx hemm għoqiedi, wieġeb *"le xejn imdawra biss allura xħin misset mal-art iċ-ċinga illlusinjat ruħha u ċ-ċinga ħarġet minn ġol-furketta. Mhux għax qlibt ... Iċ-ċinga ma kinitx marbuta bl-għoqiedi, iċ-ċinga kienet qisha molla, kif misset il-pjanċa mal-art iċ-ċinga taret. Iċ-ċinga ma kinitx dritta mal-pjanċa ... l-furketta ma laħqitx biex iċ-ċinga tiġi dritta... il-pjan[ċ]a ma ħaditx daqqiet, il-pjanċa strieħet mal-art ...Niżżiltha bil-mod għax l-affarijiet ma tridx tniżżilhom bl-addoċċ, tniżżel bil-mod imma ċ-ċinga kif ħasset il-piż mhux fuqha ħarġet u flok il-pjanċa nqalbet lejn il-ħajt, kumbinazzjoni nqalbet lejn in-naħa ta' barra għax li kieku nqalbet lejn in-naħa tal-ħajt kienet tistrieħ mal-ħajt...jien ippruvajt li l-frieket ma naqlibhomx biex hi tibqa' kemm kemm issussata".*[55] Mistoqsi mill-avukat difensur tas-soċjetà konvenuta kemm baxxa l-frieket jgħaġġel, spjega *"dak jekk tagħtih il-gass, mhux ħa tbaxxi kemm trid, dak bil-piż tiegħu jitbaxxa. Jgħolli bil-pressa dak".*

Min-naħa tiegħu l-attur fl-ebda ħin ma ċahad li ċ-ċinga ma kinitx marbuta bl-għoqiedi u li hu kien biss dawwarha mal-furketta. Il-Qorti tosserva wkoll li hu lanqas ressaq xi prova sabiex jirribatti dan il-fatt tant kruċjali għad-deċiżjoni tal-vertenza bejn il-kontendenti. Tosserva wkoll li l-metodi addotati mill-attur u l-kollega tiegħu Mario Paul Ciantar fuq ix-xogħol tagħhom ta' kuljum, għandhom ikunu ta' tħassib kemm għalihom kif ukoll għal min iħaddimhom u

---

[54] Xhieda seduta 15.11.19 *a fol.* 357.
[55] *Ibid. a fol.* 358, 359, 364-367, 369.

għal ma' min jaħdmu, għaliex mhumiex mingħajr periklu għas-saħħa u għas-sigurtà ta' kull min ikun fuq il-lant tax-xogħol. Jekk dawn il-metodi dejjem irnexxew fil-passat mingħajr konsegwenzi[56], ma jfissirx li qatt ma kienu ta' periklu.

Tisħaq li l-attur u l-kollega tiegħu Mario Paul Ciantar ma kellhom qatt jaċċettaw jew jitolbu li jagħmlu użu ta' *forklifter* ta' terzi. Jekk żbalja l-*assistant location manager* Alan Muscat li kien lest li jgħaddih f'idejhom, meta dan kien konxju jew kellu jkun konxju tal-fatt li dak il-*forklifter* kellu s-sewwieq partikolari tiegħu, huma kellhom jgħarfu li ma kellhomx jagħmlu użu minn tali *forklifter* meta ma kienx proprjetà tal-kumpannija ma' min kienu jaħdmu jew li kellhom l-istruzzjonijiet mingħandha sabiex jagħmlu użu minnu. Dan għarfu sew l-attur meta xehed *"imma jekk il-lifter mhuwiex tagħna, ma nistgħux. Kieku kienet biċċa inġenji tal-imgħallem tiegħi, kieku le ma jitlagħliex fuqha".* Mhux ċar madankollu lill-Qorti għaliex dan m'għarfux mill-ewwel qabel ma użawh biex iġorru l-pjanċa. Hekk ukoll l-konvenut meta mistoqsi in kontroeżami mis-soċjetà konvenuta għaliex mar mess il-*forklifter* u ma ħalliex f'idejn l-attur u sieħbu jekk ma kienx jaf biċ-ċert kif il-pjanċa kienet intrabtet, wieġeb *"... jekk inti tibgħatni bil-forklifter u tgħidli int trid issuqu allura jiena u jekk tweġġa' inti bil-forklifter? Tgħidli min tahulek il-forklifter? Mhux jien neħel. ...Il-forklifter mhux jien tajtu lil dawn."*[57] Il-prinċipju legali ta' responsabbilità hawn sab ruħha affermat fil-prassi ta' kuljum kemm tal-attur, kif ukoll tal-konvenut.

---

[56] Ara xhieda attur seduta 15.11.19 *a fol.* 329.
[57] *Ibid. a fol.* 367.

Imbagħad jirriżulta minn dak li ngħad hawn aktar 'il fuq u skont dak li xehdu l-attur u Mario Paul Ciantar stess, li l-pjanċa ma ntrabtietx mal-*forklifter* b'tali mod li dan seta' jimxi biha mingħajr l-għajnuna ta' persuna miexja miegħu, kif għandu jkun għas-sigurtà ta' kulħadd. Din il-Qorti mhijiex konvinta wkoll mill-fatt li ċ-ċinga kienet angolata minħabba l-kobor tal-pjanċa, li saħansitra kienet messet man-naħa ta' wara tal-*forklifter,* jekk dan kienx mod sigur li bih wieħed iċaqlaq pjanċa tal-ħadid ta' dak il-kobor u ta' dak il-piż. Għal darb'oħra l-Qorti tesprimi d-dubji tagħha dwar il-mod kif kellha titqiegħed din il-pjanċa fl-art bl-għajnuna bl-idejn tal-attur u tal-kollega tiegħu Mario Paul Ciantar. Għaliex anki jekk jirriżulta li kellhom xi protezzjoni għal idejhom għall-eventwalità li dawn jinqabdu taħt il-pjanċa, ċertament ma jistax jingħad li huwa ta' serħan il-moħħ il-fatt li huma jibqgħu daqstant viċin.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Frederick Sammut et *vs.* Direttur Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili et**[58], il-Qorti proprju indirizzat dan l-obbligu partikolari ta' min iħaddem, u qalet:

> "Kull min iħaddem għandu jagħmel dan l-eżercizzju billi jottempera ruħu mad-dmirijiet ġenerali li jadotta prekawzjonijiet xierqa bħala *bonus paterfamilias,* u għalhekk, f'kull żmien u f'kull aspett li għandu x'jaqsam max-xogħol, għandu jagħmel dawk l-arranġamenti xierqa għall-ippjanar effettiv, organizzazzjoni, kontroll, monitoraġġ, u reviżjoni kritika tal-miżuri preventivi u protettivi. Dan jinkludi li jiġi kkonsidrat kemm in-natura tal-attivitajiet tax-xogħol billi tingħata l-informazzjoni u t-taħriġ meħtieġa skont il-liġi; li jara li jiġi pprovdut post sigur fejn isir it-taħriġ; li tingħata l-għodda adegwata u l-ilbies kollu protettiv meħtieġ; kif ukoll li tali għodda hekk adattata tiġi użata u lbies attwalment użat, b'dan li anki kieku jingħata l-ilbies u apparat protettiv kollu (li mhux il-każ odjern), xorta waħda l-prinċipal għandu jara li l-apparat jiġi effettivament użat."

[58] Q.A., 24.11.2017.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Fenech et *vs.* Chairman tal-Malta Drydocks et**[59], dwar l-obbligi da parti ta' min iħaddem, inkiteb:

> "Dwar in-natura tad-dmir impost fuq min iħaddem, il-Qrati tagħna ripetutament jinsistu fuq id-dmir ta' min iħaddem li jipprovdi '*a safe place of work*' iżda rari kienu jidħlu fil-kwistjoni jekk in-nuqqas ta' min iħaddem li hekk jipprovdi jkunx aġir bi ksur ta' obbligu kuntrattwali jew aġir delittwali. Li hu żgur hu li l-Qrati tagħna dejjem jitkellmu fuq 'dover' u 'obbligazzjonijiet' ta' min iħaddem, bħallikieku fuq dan hemm rabta kuntrattwali mal-ħaddiem li jipproteġieh. Fil-kawża **Sultana vs Spiteri** deċiża mill-allura Qorti tal-Kummerċ fit-28 ta' Mejju, 1979, ġie osservat li min iħaddem għandu d-dover li jara li l-post tax-xogħol ikun dejjem fi stat raġonevoli ta' sigurezza għal min ikun qed jaħdem, obbligu speċifiku u determinat li donnu joħroġ mill-isfera tal-kunċett ta' *neminem laedere,* involut fir-responsabilità taħt delitt u kważi-delitt. Il-Qrati tagħna espandew fuq dan l-obbligu ta' min iħaddem, u jinsistu fuq id-dover tiegħu li jipprovdi attrezzi u makkinarju sikur, post tax-xogħol nadif u ħieles minn perikolu, stħarrig u superviżjoni tal-ħaddiema, manutenzjoni regolari fuq kull biċċa magna, u diversi obbligi relatati marbuta man-natura tax-xogħol (ara per eżempju l-kawża **Galea vs Meilaq noe**, deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ġunju 2007). Intqal ukollli huwa dmir ta' min iħaddem "*to provide a safe system of work, and that in planning a system of work, the employer must take into account the fact that workmen become careless about risks involved in their daily work*" - **Borg *vs* Wells noe**, deċiża mill-allura Qorti tal-Kummerċ fid-9 ta' Settembru 1981. Minn dan jidher li malli jiġi ffirmat kuntratt ta' impjieg bejn min iħaddem u l-ħaddiem, jitwieled f'tal-ewwel obbligu li jieħu ħsieb l-inkolumità tal-ħaddiem, b'mod li dan l-obbligu jista' jitqies bħala parti mit-termini tal-istess kuntratt."

Dak kollu li ġie ikkonstatat minn din il-Qorti, iwassalha sabiex tgħid li l-lant tax-xogħol tal-attur ma setax kien wieħed sigur, iżda mhux ħtija tal-konvenuti. Kien jinkombi fuq il-prinċipal tal-attur li jassigura li l-impjegati tiegħu mhux biss jingħataw ilbies protettiv u l-għodda addattata għax-xogħol tagħhom, iżda wkoll li jadottaw u li jżommu ma' mod sigur ta' kif jaħdmu.

[59] Q.A., 03.12.2010.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi billi tiċħad it-talbiet kollha tal-attur fil-konfront tal-konvenuti, filwaqt li tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, tiċħad l-ewwel u t-tieni eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta, iżda tilqa' l-eċċezzjonijiet l-oħra tagħha, u tilqa' l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà intervenuta limitatament fejn dawn jirrigwardaw ir-responsabbilità tal-konvenuti għall-akkadut u tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-bqija tal-eċċezzjonijiet tagħha.**

**Bl-ispejjeż kollha a karigu tal-attur.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**